MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2009

Numru. 381/2007

**Il-Pulizija
(Supretendent Mario Bonello)**

**vs**

**Joseph Baldacchino bin Alfred u Maria nee' Cutajar, imwieled fil-5 ta' Settembru, 1959 u residenti Kempinski,
San Lawrenz, Triq ir-Rokon, San Lawrenz, Ghawdex, detentur
tal-karta tal-identita' numru 611659(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Joseph Baldacchino li gie akkuzat talli nhar il-11.04.2007 u fil-jiem ta' qabel f'San Lawrenz, Ghawdex fl-inhawi maghrufa

bhala 'Tal-Wilga' bhala rapprezentant ta' San Lawrenz Leisure Resort:

1) Minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel l-hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita' dritt li jippretendi li ghandu fixkel lil Louis Cassar fil-pussess ta' hwejgu u b'modi ohra ndahal fi hwejjeg l-imsemmi Louis Cassar, dan bi ksur tal-artikolu 85 tal-Kap 9;
2) Aktar talli bi hsara tas-sid jew detentur ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-propjeta' tal-imsemmi Louis Cassar u dan bi ksur tal-Artikolu 340 tal-Kap 9;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 377(3) tal-Kodici Kriminali;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'reat a tenur tal-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 u cioe' r-reat tar-*ragion fattasi* kif ukoll bil-kontravenzjoni a tenur tal-artikolu 340 u cioe' dik dwar il-vjolazzjoni tal-proprjeta';

Illi dwar ir-reat tar-*ragion fattasi* l-Prosekuzzjoni jehtigielha tipprova biss il-pussess jew anke detenzjoni u li dan l-istat ta' fatt gie arbitrarjament vjolat mill-imputat b'att estrem biex b'hekk ikun qieghed jiehu l-Ligi b'idejh minflok iressaq l-azzjoni tieghu. Illi dak huwa precizament dak li sehh f'dan il-kaz. Illi mill-provi migjuba quddiem il-Qorti rrizulta ili l-parti leza akkwista r-raba tieghu permezz ta' kuntratt esebit bhala dokument 'JB 5'. Dina r-raba kienet tappartjeni lil zijuh Cikku Galea. Irrizulta kemm mix-xhieda ta' Louis Cassar kif ukoll ta' Michael Formosa, Lorenza Galea, Joseph Formosa, u Joseph Axiaq li huma kellhom access ghar-raba taghhom minn passagg li kien jaghti

minn Triq ir-Rokon, ghal mal-genb ta’ fejn hemm illum il-parkegg tal-lukanda, jinzlu minn rampa mbaghad jibqghu nezlin ghar-raba taghhom;

Illi fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza gew esebiti diversi kuntratti, pjanti u ritratti taz-zona kemm minn Cassar sabiex jipprova illi huwa ghandu dritt ta’ passagg, kif ukoll mill-imputat sabiex jindika illi fil-fatt dana d-dritt ta’ passagg ma jezistix. Illi l-Qorti madanakollu ma hijiex ser tidhol sabiex tivverifika jekk dana d-dritt ta’ passagg jezistix o meno ghaliex dak jispetta lill-Qorti Civili. Il-Qorti fil-kawza penali trid tara biss jekk kinitx tezisti xi forma ta’ tgawdija mill-parti leza u mill-predecessuri tieghu ta’ xi passagg minn triq ir-Rokon;

Illi mill-provi rrizulta illi huwa minnu illi kemm Cassar kif ukoll il-bdiewa li bieghu r-raba taghhom lill-imputat, kienu jghaddu minn Triq ir-Rokon sabiex jaccedu ghar-raba taghhom;

Illi rrizulta illi fil-bidu tas-sena elfejn u sebgha (2007), l-imputat nehha r-rampa li kien hemm sabiex Cassar ma setax iktar jaccedi ghar-raba tieghu ghax kien hemm dizlivell ta’ tmien (8) filati. Cassar ghalhekk ghamel xi fallakki sabiex ikompli jghaddi, izda Baldacchino ghall-habta ta’ April tal-elfejn u sebgha (2007) ghamel *fencing* sabiex Cassar ma jistax jidhol ghar-raba tieghu. Illi l-imputat ma setax jaqbad u jiehu l-Ligi b’idejh sabiex juri lil Cassar li huwa ma kellux dritt jghaddi minn hemm, izda messu ha l-passi legali kollha necessarja sabiex izomm lil Cassar milli jaghmel dan. Illi ghalhekk dana huwa kaz klassiku ta’ *ragion fattasi* u l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-istess;

Illi fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni u cioe’ dik dwar il-vjolazzjoni kontra l-proprjeta’ ta’ Louis Cassar, ma jirrizultax, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, illi l-imputat kien qieghed izomm lill-parti leza mit-tgawdija tal-proprjeta’ tieghu. Dan ghaliex l-imputat jikkontendi illi Cassar ghandu access ghar-raba tieghu minn band’ohra u ghalhekk dina l-akkuza ma gietx ippruvata. Inoltre hija

kwistjoni f'idejn il-Qrati Civili sabiex jiddeterminaw jekk dana d-dritt ta' passagg jezistix o meno;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni (2) akkuza, issibu hati tal-ewwel (1) akkuza u tikkundannah multa ta' mija u ghoxrin ewro (€120).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------